**13 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Peter Farrugia

**Traffiku — Kolliżjoni — Skizz — Sewqan Negliġenti — Ħtija Kontributorja — Rinunzja — Sentenza — Rinviju — Imputat u Akkużat — Art. 342 proviso tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta jiġri inċident stradali u l-Pulizija tipprepara skizz dwar id-dettalji tal-kolliżjoni, hu deżiderabbli li l-perti nominat mill-Qorti biex jirrelata fuq il-kolliżjoni jagħmel skizz ieħor "to scale" u jannettieh mar-relazzjoni tiegħu.*

*Driver li jieħu r-riskju gravi li jissorpassa vettura oħra f'parti tat-triq li tostakolalu l-viżwali għat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta, u meta għalhekk ma setgħax ikun fi grad li jagħmel dak is-sorpass b'sikurezza, hu ħati ta' sewqan negliġenti. Jekk l-għemil tad-driver l-ieħor, li miegħu ġie f'kolliżjoni, kien jikkostitwixxi l-kawża unika u determinanti tal-kolliżjoni, allura l-indaġini dwar l-għemil tad-driver l-ieħor hija rilevanti anki f'sede kriminali, għax f'każ simili jiġi loġikament eskluż kull tort tad-driver imputat; imma jekk l-għemil tad-driver l-ieħor kien biss jammonta għal negliġenza kontributorja, allura d-driver imputat jibqa' l-istess kriminalment responsabbli. Dan, però, ma jfisserx illi, meta d-drivers involuti jkunu ġew proċessati t-tnejn*

*kriminalment, u tirriżulta negliġenza tat-tnejn, jew meta, komunkwe, tirriżulta "palam" in-negliġenza tad-driver l-iehor, il-Qorti ma tistgħax tiehu qies tan-negliġenza kontributorja, anki f'sede kriminali, biex timmodera l-piena.*

*Ir-rinunzja tal-parti offiża, meta tista' ssir, iġġib l-improċedibbilità tal-azzjoni kriminali; u għalhekk il-kundanna fuq dawk l-imputazzjonijiet li ġew rinunzjati ma hix sostenibbli;*

*Il-Qorti għandha tiddikjara fid-dispożittiv tas-sentenza ta' liema reat tkun qegħdha ssib hati lill-imputat, u t-tismija nċidentali ta' htijiet oħra fil-motivazzjoni ma tissoddisfax il-vot tal-liġi ta' dikjarazzjoni ta' reità fid-dispożittiv, anki jekk ir-reat ikun assorbit f'iehor. F'każ simili, normalment il-proċedura tkun li l-Qorti tal-Appell tannulla "pro tanto" s-sentenza tal-Ewwel Qorti u terġa tittratta "pro tanto" l-imputazzjoni relattiva.*

*Sakemm ma hemmx att tal-akkuża, l-imputat hu dejjem imputat, u l-imputazzjoni hi imputazzjoni, u mhix akkuża. Wiehed jista' jitkellem fuq "akkużat" u "akkuża" meta jkun maħruġ l-att tal-akkuża.*

*Hija prattika tradizzjonali illi l-Attorney General jirrinvija l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati jew għax ma jkunx jidhirlu li hemm reat ta' kompetenza superjuri imma jista' jkun hemm reat ta' kompetenza inferjuri, jew biex jiġi rettifikat xi difett fl-Istruttorja, imma mhux biex reat li hu ta' kompetenza inferjuri jinbidel f'iehor ukoll ta' kompetenza inferjuri.*

Fuq dan l-appell, magħmul mill-imputat, din il-Qorti kkunsidrat;

Fit-28 ta' Ġunju 1962 l-imsemmi Farrugia ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati sedenti bħala Qorti Istruttorja, sabiex jgħaddi kumpilazzjoni fuq l-imputazzjoni illi l-Imsida, fil-21 ta' Ottubru 1961, waqt li kien isuq car minn Testaferrata Street, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat ma' van u għamillu ħsara għad-dannu ta' sidu; u barra minn dan, bħala effett tal-kolliżjoni, ikkaġuna offiża gravi lil Costantino Sammut u offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Bartolo (recte Bonello);

Mela dawn kienu l-imputazzjonijiet, ċjoè sewqan negliġenti, danni nvolontarji *fil-proprjetà ta'* ħadd ieħor, offiża gravi nvolontarja, u offiża ħafifa nvolontarja;

Wara *li l-attijiet* kumpilati fuq dawn l-imputazzjonijiet ġew mibgħuta lill-Attorney General, sar ir-rinviju fit-termini li hemm fin-nota fol. *32 (li fuqha l-Qorti tirritorna* aktar il-quddiem), u l-kawża ġiet rimessa lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u din, *bis-sentenza* tagħha taż-17 ta' Awissu 1962, sabet lill-imputat ħati f'dawn it-termini, riportati "infra" testwalment:— "Talli kkaġuna ħsara *nvolontarja* fil-karrozza ta' Costantino Sammut, kif ukoll offiża nvolontarja ta' natura gravi u ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Sammut u ta' *Joseph Bonello rispettivament*, f'liema reati huma kompriżi u assorbiti l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti";

U kkundannatu għall-multa ta' £60, u ordnat li huwa jiġi skwalifikat milli *jkollu jew jieħu* ebda liċenza tas-sewqan għal żmien sitt xhur;

*Qabel ma l-Qorti tidħol fil-punti legali sollevati* middifiża, u qabel ma tidħol f'aspetti oħra tad-deċiżjoni, jeħtieġ li jiġi eżaminat il-meritu tal-każ, ċjoè jekk l-imputat kienx ħati ta' sewqan negliġenti li ġieb il-kolliżjoni "de qua";

*Il-Qorti tħoss li għandha tirrimarka* dwar l-insuffiċjenza tal-iskizz preparat mill-Pulizija fol. 4. Biżżejjed wieħed jara l-isproporzjoni assoluta li biha ġie ndikat l-ispazju ta' tnax il-pied *minn* naħa tal-lemin aħna u telgħin, meta wieħed jikkunsidra li tnax-il pied huma kważi terz tal-wisgħa kollu tat-trieq *ta' tmienja u tletin* pied indikat bil-linja ħamra freċċata fl-istess skrizz. L-effett ta' din l-isproporzjon hu serju, għax jisposta aktar lejn *il-lemin* il-punt taliskontru *tal-karrozzi* għad-dannu tal-każ tal-imputat. Hu deżiderabbli li f'każijiet simili l-perit nominat biex jirrelata fuq il-kolliżjoni jagħmel *skizz ieħor* "to scale", biex b'dan il-mod ma jiġi żvijat ħadd, u jannetti l-iskizz mar-relazzjoni tiegħu. F'dan il-każ, l-isproporzjon fl-iskizz tal-Pulizija hu *rilevabbli "ictu oculi"*;

Mill-kumpless tal-provi, *din il-Qorti* taħseb li kien hemm sewqan negliġenti mill-parti tal-imputat, in kwantu

li hu ħa riskju gravi meta ssorpassa vettura oħra proprju f'dik il-parti tat-trieq fejn it-tumbata kienet tostakolalu l-viżwali għat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta, u meta għalhekk ma setgħax ikun fi grad li jagħmel is-sorpass b'sikurezza. Jekk id-driver tal-vettura l-oħra Costantino Sammut kellux jew le, kif issostni d-difiża, ukoll responsabbiltà fil-kolliżjoni, għaliex ma ħax il-miżuri evażivi meta (skond id-difiża) seta' u kien imissu ħadhom, hija kwistjoni li għandha tiġi affrontata b'dan il-mod, kwantu għall-meritu. Jekk l-għemil tad-driver l-ieħor. Costantino Sammut, kien jikkostitwixxi l-kawża unika u determinanti tal-kolliżjoni, allura l-indaġini dwar l-għemil tiegħu hija rilevanti anki għall-ġudizzju in sede kriminali, għaliex f'każ simili jiġi loġikament eskluż kull tort tal-appellant; imma jekk l-għemil ta' dak id-driver kien biss jammonta għal negliġenza kontributorja, allura kwistjoni simili mhijiex rilevanti għall-meritu in sede kriminali, għaliex, bil-kontribuzzjoni tiegħu b'kollox, l-istess jibqa' t-tort, kriminalment imputabbli, tal-imputat odjern. Issa, "allo stato degli atti", ma jistgħax jingħad li s-sewqan ta' Sammut kien il-kawża unika u determinanti tal-kolliżjoni, u għalhekk, "quoad processum in criminalibus", il-kwistjoni kwantu għal Sammut tieqaf hemm. Jekk mbgħad Sammut ikkontribwixxiex jew le għall-kolliżjoni, peress illi, kif ingħad kwistjoni simili hi irrilevanti għall-meritu fil-kriminal, per konsegwenza din il-Qorti ma tippronunzja ruħha bl-ebda mod dwarha, u dik il-kwistjoni tibqa' impreġudikata biex tiġi, għall-okkorrenza, deċiża fis-sede ċivili proprja;

Dan, s'intendi, ma jfisserx illi, kwantu għall-entità tal-piena, meta d-drivers involuti jkunu ġew proċessati t-tnejn kriminalment u tirriżulta negliġenza tat-tnejn, jew meta, komunkwe, tkun tirriżulta "palam" in-negliġenza tad-driver l-ieħor, il-Qorti ma tistgħax tieħu qies tan-negliġenza kontributorja anki in sede kriminali, biex timmodera l-pjena;

Ikkunsidrat, fuqu il-kwistjonijiet l-oħra;

Ir-rinviju tal-Attorney General, fol. 32, jagħmel riferenza għal erbgħa mputazzjonijiet:— (a) Sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż; (b) danni nvolontarji fil-van; (c) offiża gravi nvolontarja fuq il-persuna ta' Sammut; (d) offiża nvolontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Bonello;

Għandu jingħad immedjatament illi l-inklużjoni tal-imputazzjonijiet fin-numri 2 u 4, ċjoè danni nvolontarji fil-van u offiża ljevi nvolontarja, saret bi żvista mill-Attorney General, għax dawn kienu improċedibbli, stante r-rinunzja li kienet verbalizzata *fol* 29. Din ir-rinunzja ġiebet l-improċedibbilità tal-azzjoni kriminali in bażi għall-art. 342 proviso, Kap. 12, kif miżjud bl-art. 18 tal-Att V tal-1956 u art. 240(2) idem. L-Ewwel Qorti, żvijata minn din l-iżvista, sabet l-imputat ħati wkoll ta' dawn *iż-żewġ* imputazzjonijiet improċedibbli; iżda l-Avukat tal-Kuruna, f'kors tal-argumenti, irrikonoxxa li din id-deduzzjoni tad-difiża, illi ċjoè il-kundanna għar-rigward ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ma hix sostenibbli, hija korretta, kif fil-fatt hi, stante dak li ġie rilevat;

Dwar l-offiża gravi nvolontarja fuq il-persuna ta' Costantino Sammut, una volta li din il-Qorti rriteniet li kien hemm sewqan negliġenti, issegwi, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi oħra, ir-responsabbiltà kriminali tal-imputat għaliha (salva, "civiliter", "si et quatenus", kull kwistjoni ta' ħtija kontributorja ta' Sammut);

Tibqa' l-ewwel imputazzjoni, nkluża fir-rinviju, ċjoè sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż ("ipsis verbis");

Għandu jiġi notat li fl-ebda parti tas-sentenza appellata ma hemm imsemmi s-sewqan b'mod perikoluż, u għalhekk dik il-parti ma tinteressax aktar dan l-appell, ġa ladarba ma hemm ebda kundanna dwarha;

Verment, appena jista' jingħad li hemm kundanna dwar sewqan bla kont ("reckless"); għaliex, jekk wieħed jeżamina s-sentenza, għandu jsib li l-Ewwel Qorti ma qaletx fid-dispożittiv li hija kienet qegħdha ssib l-imputat ħati ta' sewqan bla kont, sija pure assorbit fl-imputazzjonijiet li tagħhom dik il-Qorti sabet u ddikjarat l-imputat ħati fid-dispożittiv, mentri hi liġi pożittiva li l-Qorti għandha tiddikjara "fid-dispożittiv" ta' liema reat tkun qegħdha ssib ħati l-imputat. Kien biss "passim", fil-motivazzjonijiet, u mhux fid-dispożittiv, li dik il-Qorti qalet, kważi "per incidens", "illi meta l-mod tas-sewqan, li fil-każ kien bla kont ("reckless"), ...... eċċ. eċċ.";

Din l-inklużjoni nċidentali fil-motivazzjoni ċertamen ma tissodisfax il-vot tal-liġi ta' dikjarazzjoni ta' reità fid dispożittiv, anki jekk ir-reat ikun assorbit f'ieħor; u nor malment il-proċedura preskritta mill-liġi f'dan l-istadj kienet tkun li tiġi annullata "pro tanto" l-ewwel sentenza, li din il-Qorti terġa' tittratta "pro tanto" l-imputazzjoni relattiva; iżda f'dan il-każ hemm pont, li sejjer jiġi trattat li jantiċipa din il-proċedura;

Id-difiża ssottomettiet ukoll, difatti, li l-Attorney Gen ral ma setgħax f'dan il-każ jinkludi fir-rinviju reat ġdid ma kienx hemm fl-imputazzjoni oriġinali li fuqha saret i kumpilazzjoni, ċjoè ma setgħax iżid l-imputazzjoni ta' sew qan bla kont (fuq is-sewqan b'mod perikoluż ma hemm kwistjoni, għax, kif ingħad, l-ewwel Qorti ma semmietu fis-sentenza), meta l-imputazzjoni oriġinali kienet ta' sew qan negliġenti; jew almenu, jekk seta' jżidha, allura kie jeħtieġ li terġa ssir il-kumpilazzjoni mill-Qorti Istruttor bl-imputazzjoni ġdida. L-Avukat tal-Kuruna kkontest dan il-pont, u sostna li l-Attorney General seta' jżid d l-imputazzjoni biex tieħu konjizzjoni tagħha l-Qorti t Ġudikatura Kriminali;

"En passant", u "per modum regulae", din il-Qorti ti rileva li hija qegħdha tuża l-kelma "imputazzjoni", u mhu "akkuża", għaliex sakemm ma hemmx att tal-akkuża l-im putat hu dejjem imputat, u mhux akkużat, u l-imputazzjoni hi imputazzjoni, u mhux akkuża; wieħed jista' jitkellem fu "akkużat" u "akkuża" meta jkun maħruġ l-att tal-akkuż Dan hu is-sistema tal-liġi tagħna, u kull lokuzzjoni oħ hija mproprja; u l-Imħallef sedenti jista' jgħid li, bħa Kummissarju tar-Reviżjoni tal-Liġijiet ta' Malta, hu ki qagħad ferm attent li jikkonserva din id-distinzjoni tradi-zjonali;

Ikkunsidrat, fuq il-punt fuq imsemmi;

Din il-Qorti taħseb illi l-kwistjoni ma hiex affattu jekk l-Attorney General setgħax iżid l-imputazzjoni ta' sewqan bla kont; u l-kwistjoni mhijiex tali, għaliex kollox juri li dik l-imputazzjoni (sewqan bla kont) ġiet inkluża fir-rinviju bi żvista oħra, ċjoè taħt l-impressjoni erronea li dik l-impu-tazzjoni kienet fost dawk oriġinali li fuqhom saret il-kum-pilazzjoni;

Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti għal din il-konklużjoni huma dawn li ġejjin;—

Mit-termini u mill-lokuzzjoni stess tar-rinviju jidher ċar li l-uniku skop tar-rinviju kien dak li, bis-saħħa tad-dispożizzjoni kontenuta taħt it-titolu "B" regolament 1 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 337 tal-1940, "Administration of Justice Emergency Regulations", tingħata lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kompetenza biex tiġġudika reat (ċjoè, fil-fattispeċje, dak ta' offiża gravi nvolontarja produċenti l-effetti ndikati fl-art. 232, kontemplat fl-art. 240(1) (a) Kap 12), li diversament kien jaqbeż il-kompetenza ordinarja tagħha. Infatti, dak ir-regolament ta' dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern biss, u ebda dispożizzjoni oħra tal-liġi (ħlief s'intendi, l-artikoli relattivi għall-istess reat) ma hemm ċitata fir-rinviju li turi li, kwantu għar-reati l-oħra, l-Attorney General kien qiegħed jeżerċita xi poter tiegħu. Del resto, lanqas seta' kien hekk, għax hawn ma kienx il-każ, kwantu għat-trapass minn sewqan negliġenti għal sewqan bla kont fil-para. (1) tar-rinviju, tal-ipotesi preveduta fl-art. 445(5) Kap. 12, li fiha l-Attorney General ikun ta' fehma li ma jirriżultax ir-reat ta' kompetenza superjuri, imma jista' jirriżulta reat ta' kompetenza nferjuri; u jingħad li ma kienx il-każ, għaliex iż-żewġ reati — sewqan negliġenti u sewqan bla kont — huma ta' kompetenza inferjuri. Lanqas kien il-każ viżwalizzat fl-art. 447 ibid., għax dan jikkontempla mhux spostament ta' kompetenza, imma li l-Qorti li lilha jsir ir-rinviju tkompli tiffunzjona bħala Qorti Istruttorja. Lanqas kien il-każ tal-applikazzjoni tan-Notifikazzjoni fuq imsemmija, għax ma kienx hemm in-neċessità ta' ebda nvestiment tal-Qorti Inferjuri b'kompetenza eċċezzjonali, kwantu għas-sewqan bla kont;

Jingħad inoltre, li mhux talli ma hemmx ċitat ebda dispost tal-liġi all'infuori ta' l-imsemmija Notifikazzjoni, għar-risward tar-reat ta' offiża gravi nvolontarja, imma anzi l-Attorney General ried jeskludi li kien qiegħed jagħmel xi tibdil taħt xi dispożizzjoni oħra, tant li fil-formola fol. 33 hemm kanċellati l-kliem stampati li setgħu talvolta jaċċennaw għal xi eżerċizzju tas-setgħat tal-Attorney General taħt l-art. 445(5), li fih jirrikorru dawn il-kliem. Jingħad, infine, li l-"praxis" tradizzjonali hija li l-Attorney General jirrinvija, jew għax ma jkunx jidhirlu li hemm reat ta'

kompetenza superjuri imma jista' jkun hemm reat ta' kompetenza nferjuri, jew biex jinstemgħu provi oħra, jew biex jiġu rettifikati xi difetti fl-Istruttorja, et similia, imma biex reat li hu ta' kompetenza nferjuri jinbidel f'ieħor ukoll ta' kompetenza nferjuri;

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li t-tibdil li sar fl-ewwel paragrafu tar-rinviju minn sewqan negliġenti għal sewqan bla kont u sewqan b'mod perikoluż, kien l-effett ta' żvista;

Kwantu għall-piena;

F'kas ta' sewqan negliġenti l-iskwalifika ma tistgħax tkun ħlief sal-massimu ta' tmien tijiem;

Kwantu għall-multa ta' £60 inflitta mill-Ewwel Qorti, hu intuwittiv, li meta ddeċident fl-ewwel istanza ffissa dik issomma, kellu quddiem għajnejh erbgħa reati, dak ta' offiża gravi nvolontarja, dak ta' offiża ljevi nvolontarja, dak ta' danni nvolontarji, u dak ta' sewqan bla kont. Issa ma jibqgħax, għar-raġunijiet fuq imsemmija, ħlief l-imputazzjoni ta' offiża gravi nvolontarja u ta' sewqan negliġenti. Hu loġiku, għalhekk, li dik il-multa tiġi ridotta, tenut kont, minn naħa waħda, li hemm esklużi żewġ reati (offiża ljevi nvolontarja u danni nvolontarji), u r-reat gravjuri ta' sewqan bla kont hu rimpjazzat bir-reat ta' sewqan negliġenti; Hu loġiku, għalhekk , li dik il-multa tiġi ridotta, tenut kont, minn naħa waħda, li hemm esklużi żewġ reati (offiża ljevi nvolontarja u danni nvolontarji), u r-reat gravjuri ta' sewqan bla kont hu rimpjazzat bir-reat ta' sewqan negliġenti; u minn naħa l-oħra li r-reat ta' offiża gravi nvolontarja hu dak gravjuri fost kollha;

Għalhekk, din il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet l-imputat ħati ta' sewqan bla kont (stante rritwalità fis-sens fuq spjegat) u ta' danni nvolontarji u offiża ljevi nvolontarja (stante improċedibbilità fis-sens "supra"), u tillibera lill-appellant minn dawk l-imputazzjonijiet, iżda tikkonferma l-istess sentenza in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' offiża gravi nvolontarja tax-xorta hemm speċifikata. Kwantu għall-piena, tirriduċi l-multa għas-somma ta' £30, titħallas żmien xahar mil-lum, u tirriduċi t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tmien tijiem minn nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 1962.